**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 28 ta' April 2020.**

**Rikors nru: 172/2018 AGV**

**AB (ID nru: 340090 M) f' isimha propju u bhala legittima rapprezentanti tal-minuri C**
**Vs**
**DE ( ID nru:453085M)**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors guramentat ta' AB datat 6 ta' Lulju 2018, fejn esponiet bir-rispett u ikkonfermat;**

1. Illi l-esponenti kellha relazzjoni mal-intimat u minn dir-relazzjoni twieldet tarbija bl-isem ta' Cli llum ghandu sentejn skont ma jirrizulta mill-anness certifkat tat-twelid, Dok A;

2. **Illi l-kontendenti attentaw proceduri ta' medjazzjoni sabiex jilhqu ftehim fuq l-istess kura u kustodja tal-minuri, izda inutilment.**
3. Illi skont digriet tal- 15 ta' Mejju 2018, gew awtorizzati jipprocedu bil-kawza wara l-gheluq tal-provi.
4. Illi l-intimat mhux persuna idoneja sabiex jigi fdat bil-kura u l-kustodja tal-minuri C u dan kif ser jigi ppruvat waqt is-smiegh u trattazzjoni tal-istess kawza.

Galdaqstant l-esponenti umilment titlob lil dina Onorabbli Qorti sabiex;

1. Takkordalha l-kura u l-kustodja tal-minuri C;
2. Tiffissa retta alimentari tal-istess minuri;
3. Tiffissa granet u hinijiet tal-access tal-minuri ghall-intimat.

Bl-ispejjez.

**Il-Qorti rat ir-risposta Guramentata tal-Intimat DE : Id number 0453085M f'ismu proprju w ghan-nom ta' ibnu minuri CE li llum ghandu tliet snin, datata 8 ta' Marzu 2019, fejn espona bil-qima u bil-gurament tieghu ikkonferma :-**

1. Illi fl-ewwel lok din il-wisq Onorabbli Qorti qieghda tigi mgharrfa illi f' jum it-Tnejn, 14 ta' Jannar, 2019 l-Intimat DE : Id number 0453085M skopra wara li ezamina l-Atti Processwali ta' din il-Kawza li hu ma kienx ghadu notifikat bir-Rikors Guramentat ta'AB et li kien gie notifikat nhar is-6 ta' Lulju, 2018, u allura sallum din il-Kawza effettivament ma ghandhiex ir-Risposta Guramentata tal-istess Intimat fl-Atti ta' din il-Kawza.

2. Illi jigi rilevat ukoll illi hemm Kawza ohra fl-istess ismijiet imma inversi u li qieghda tinstema' minn din il-Qorti imma presjedut mill-Onorevoli Imhallef Abigail Lofaro, Citazzjoni Numru 171/2018 fl-ismijiet "DE –vs- AB", liema Kawzi huma komuni fil-mertu taghhom 'il ghaliex ikkoncentraw essenzjalment l-interess suprem tal-minuri CE, li llum ghandu tliet snin u li missieru huwa proprju DE u rikonoxxut ghal dan il-fin.

3. Illi fic-cirkostanzi kif taprezza din il-wisq Onorabbli Qorti ma jaghmilx sens illi dawn iz-zewg Kawzi fl-ismijiet "AB : ID number 340090M f'isimha proprju u bhala legittima rapprezentanti tal-minuri C –vs- DE: Id number 453085M" li tinsab iddiferita ghat-13 ta' Frar, 2019 fid-disgha ta' filghodu ghall-Kontinwazzjoni bin-Numru Referenzjali hawn fuq indikat u cioe' 172/2018 – AGV, u Kawza ohra "DE –vs- AB", quddiem din il-Qorti presjedut mill-Onorevoli Imhallef Abigail Lofaro fic-Citazzjoni Numru 171/2018 u li qieghda differita ghall-21 ta' Frar, 2019 fid-disgha u kwart ta' filghodu.

4. Illi fic-cirkostanzi l-ewwel punt li jrid jigi deciz huwa min ser ikun il-Gudikant li sejjer jipresjedi fuq dawn iz-zewg Kawzi illi ghandhom l-istess mertu u li ghalhekk fic-cirkostanzi ghandhom jimxu kontestwalment, u dan skont kif gew intavolati skont il-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u cioe' l-Kawza bin-Numru Referenzjali 171/2018 illi prezenzjalment qieghda quddiem l-Onorevoli Imhallef Abigail Lofaro, ghandha tinghata precedenza ghall-Kawza bin-Numru Referenzjali 172/2018 fl-ismijiet inversi li qieghda quddiem l-Onorevoli Imhallef Antonio Giovanni Vella.

5. Illi DE li ghandu l-eta' ta' tlieta u tletin sena u jahdem bhala security officer ma' azjenda lokali, ghandu rispett ghal kull wiehed minn dawn iz-zewg Imhallfin u cioe' ser ihalli f'idejn l-Onorabbli Qorti kif diversament ipresjeduta u cioe' Kawza wahda mill-Onorevoli Imhallef Antonio Giovanni Vella u l-Kawza l-ohra

l-Onorevoli Imhallef Abigail Lofaro biex din il-Qorti diversament ipresjeduta fiz-zewg Kawzi bl-ismijiet inversi jigi deciz dan l-ewwel punt min ser ikun il-Gudikant li jisma' dawn iz-zewg Kawzi kontestwalment. U dan fl-interess suprem tal-minuri Kiran Mifsud, il-minuri ta' tliet snin involut fil-mertu ta' dawn iz-zewg Kawzi, dejjem quddiem l-istess Qorti imma l-Imhallef jew Antonio Giovanni Vella jew l-Onorevoli Imhallef Abigail Lofaro.

6. Illi *in linea preliminari* l-Intimat DE : Id number 453085M qieghed joggezzjona ghall-fatt li l-ex siehba li kellu AB : Id number 340090M intavolat il-Kawza bhala l-legittima rapprezentant tal-minuri CE u cioe' t-tifel tal-Intimat, meta l-istess AB ma kellha ebda dritt li tassumi hija stess li hija ghandha l-legittima rapprezentanza tal-minuri C, u dan billi kif jirrizulta fil-mori ta' din il-Kawza, u diversi Affidavits li qed jiprezenta l-Intimat DE, missieru FE, ohtu GH, u diversi xhieda li huma mehtiega u li sejrin jittellghu biex jiddeponu fuq dan il-punt u punti ohra rilevanti, AB ma hijiex omm li jisthoqqilha illi tkun rapprezentanta ta' C u dan anka ghall-fatti li sejrin jirrizultaw fil-mori ta' din il-Kawza fosthom illi AB li ghad ghandha l-eta' ta' tmienja w ghoxrin sena, hija karattru instabbli, ghandha diversi relazzjonijiet ghaddejja ma' rgiel differenti, tfal minn irgiel differenti, tiddikjara indirizz tal-genituri taghha ghall-iskopijiet li tircievi c-cekk tas-servizzi socjali imma umbaghad effettivament tirrisjedi f' indirizz ohra, u bhala omm hija negligenti, traskurata, u ma tosserva xejn illi jitharsu minn kull aspett l-interessi supremi tal-minuri CE u dan biex din il-wisq Onorabbli Qorti tkun tista' tivverifika dawn il-fatti kollha.

## <u>Tibdil fic-cirkostanzi;</u>

7. Illi nel frattemp u bi qbil bejn il-Partijiet Kontendenti u l-Konsulenti Legali taghhom Dr Emmy D. Bezzina u Dr Malcolm Mifsud, sar Rikors Kongunt quddiem din il-Qorti presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Abigail Lofaro li laqghet it-Talbiet f'dan ir-Rikors illi peress li kien hemm zewg Kawzi fuq l-istess mertu quddiem l-istess Qorti imma b'zewg Imhallfin differenti jipresjedu, u cioe' l-Onorevoli Imhallef Abigail Lofaro u l- Onorevoli Imhallef Antonio Giovanni Vella, sar qbil bejn kulhadd illi l-Imhallef li ser jipresjedi fuq dawn iz-zewg Kawzi sejjer ikun l-Onorevoli Imhallef Antonio Giovanni Vella, filwaqt illi l-Onorevoli Imhallef Abigail Lofaro mhux ser tibqa' jkollha x' taqsam izjed ma' din il-Kawza.

8. Illi din il-Kawza issa hija differita ghal nhar l-Erbgha, 3 ta' April, 2019 u fejn nel frattemp l-Intimat DE, filwaqt li jirreferi ghall-Kawza tieghu fl-ismijiet inversi issa quddiem din il-Qorti wkoll ippresjeduta mill-Onorevoli Imhallef Antonio Giovanni Vella, ipprezenta Risposta li giet ikkonfermata bil-gurament u anka maghha gew mehmuza xi Dokumenti ghal Rikors li kienet ghamlet AB omm il-Minuri C ta' tliet snin u xahrejn rigward l- iskola ta' Dun Gorg Preca fil-Hamrun, u fejn missier il-minuri u cioe' l-Intimat odjern qed joggezzjona illi ghandha tkun din l-iskola ghax irid illi ibnu jigi salvagwardat anka mill- lat ta' edukazzjoni u zvilupp kulturali tieghu fl-iskola ta' Haz Zabbar peress illi hija aktar vicin ir-residenza tal-Intimat fil-Birgu u ghar-ragunijiet cari bizzejjed li hemm fir-Risposta tal-Intimat DE ghala huwa qed joggezzjona li ibnu imur fl-iskola ta' Dun Gorg Preca, il-Hamrun.

9. Illi stante li dawn iz-zewg Kawzi imissu fuq l-istess mertu u cioe' l-interess suprem tat-tifel minuri CE li llum ghandu tliet snin u xahrejn, huwa importanti fil-fehma umli tal-Intimat DE illi ghandu jkun hemm rapprezentant legali li jiehu jew tiehu hsieb l-interessi tal-minuri u dan ghaliex id-disperament tal-Intimat DE anka bil-mod kif jirreagixxi huwa li l-Intimat jaf li omm il-minuri ma hijiex mara

tal-affari taghha, kellha w ghad ghandha diversi relazzjonijiet ta' natura sesswali, illum qieghda tikkoabita ma' persuna ohra li jidher illi jismu I J u l-Intimat ihoss li ma huwiex fl-interess suprem ta' ibnu li meta l-istess Intimat imur ghal ibnu, gieli jsib lil dan IJ ma' wiccu li jipprova jikkurjunah talli huwa hu IJ li jikkontrolla lil ibnu. U din hija umiljazzjoni li naturalment tista' taffettwa l-interess suprem tal-iben minuri li dan jikber u jara lil xi hadd barrani li mieghu qieghda ommu jinsulta u jumilja lill-istess missieru.

10. Illi allura huwa fl-interess tat-tifel minuri li l-kura u kustodja tal-minuri tigi fdata f'idejn missieru DE b'access adekwat ghal ommu AB li pero' tigi mwissija li meta hi tkun mat-tifel minuri anka minhabba l-eta' tenera tieghu, ma ghandux ikun hemm il-prezenza ta' terzi persuni li ma humiex tal-familja 'il ghaliex dan qed jikkaguna hafna hsara lill-istess tifel minuri kif din il-Qorti taprezza.

11. Illi peress li diga' tqabbdu xi esperti fil-qasam tal-izvilupp tat-tifel bhal per ezempju mic-Child Development Assessment Unit (CDAU) biex jezaminaw lil CE li ghandu n-numru tal-Karta tal-Identita' 0046916L u twieled fil- 15 ta' Jannar tas-sena 2016 u dawn l-ezamijiet bdew sa minn mindu t-tifel minuri kellu sentejn u disa' xhur, u dan skont Rapport li qed jigi hawn mehmuz datat l-1 ta' Frar, 2019. Ghaldaqstant wiehed anka jara li dan it-tifel sa minn mindu kellu sentejn u disa' xhur kien gie mittiehed fic-Centru tas-Sahha f'Bormla u r-rizultat ma kienx wiehed tajjeb hafna, pero' kif il-Qorti qed tara l-ezami fic-Centru tas-Sahha ta' Bormla, u allura l-aktar post vicin il-Birgu fejn jirresjedi missier il-minuri u din hija r-raguni ghala wkoll il-missier l-Intimat qed jinsisti li t-tifel ghandu jmur fl-iskola vicin il-Birgu 'il ghaliex l-Intimat hajtu hija biss iffukata fuq dan it-tifel, u la hemm terzi persuni fil-hajja tieghu, il-genituri tieghu huma meqjusa anzjani, pero' hemm oht l-Intimat illi hija akbar mill-Intimat u li hija qisha l-figura ta' omm kemm fuq l-istess Intimat kif ukoll fuq l-istess iben l-Intimat.

12. Illi b'rizultat ta' dawn il-bidliet fic-cirkostanzi l-Assistent Gudizzjarju Dr Maria Dolores Gauci gie rrevokat l-inkarigu taghha u l-Qorti rrakkomandat illi ghandha ssir referenza wkoll ghar-Rapporti ohra li hemm dwar it-tifel minuri, l-ahhar wiehed ipprezentat proprju fil-15 ta' Jannar, 2019 u cioe' malli l-minuri ghalaq tliet snin, u dan ir-Rapport jesigi studju dettaljat u li l-missier sejjer mhux biss jiflieh attentament imma anka jitlob lill-Qorti biex proprju ibnu ma jithawwadx aktar f'cirkostanzi li jigi f'diffikulta' min hu ezatt missieru, jigi f' diffikulta' kif omm ghandha tkun ezemplari u tghix b'mod ezemplari (a kuntrarju ta' dak li qed taghmel odjernament AB), u naturalment dan kollu fl-interess tal-istess iben minuri.

13. Illi tant ma kienx hemm interess li din il-Kawza ta' AB timxi 'l quddiem, illi kieku ma kienx ghal Dr Emmy D. Bezzina li meta mar jistudja l-file mal-klijent tieghu DE intebah li dan kien ghadu lanqas biss gie notifikat bir-Rikors mahluf li kienet ipprezentat AB f'din il-Kawza Numru 172/2018 u dan qeghdin nitkellmu ghall-jum tas-6 ta' Lulju, 2019, meta l-Kawza kienet appuntata ghall-Ewwel Dehra nhar il-Gimgha, 30 ta' Novembru, 2018 u ma kienx qabel l-ahhar Udjenza quddiem il-Qorti qabel id-differiment tat-3 ta' April, 2019 illi l-Intimat DE ta ruhu b'notifikat fl-Awla ippresjeduta mill-Onorevoli Imhallef Antonio G. Vella u dan wara li l-istess Onorevoli Imhallef Antonio G. Vella accetta li huwa jippresjedi fuq iz-zewg Kawzi wara li l-Onorevoli Imhallef Abigail Lofaro ddikjarat li hija kienet ser tastjeni milli tippresjedi fuq il-Kawza quddiemha u b' rizultat ta' dan anka l-Assistenta Gudizzjarja D.r Maria Dolores Gauci gie revokat l-inkarigu taghha.

14. Illi jekk issa niffukaw fuq il-Kawza ntavolata minn AB dan jirrizulta car illi hija ma ghandhiex interess fil-minuri li nghata l-isem ta' CKLE u li l-uniku interess li ghandha AB li ghandha n-numru tal-Karta tal-Identita' 0340090M huwa biss illi hi tghix il-hajja taghha kif trid u kif timmagina li tixtieq u trid, u li

minn fuq dahar it-tifel tiehu kemm jista' jkun il- flus li jivversa l-Istat, ic-childrens allowance, beneficcji tat-tfal, u naturalment fl-ahhar differiment quddiem il-Qorti qabel dak tat-3 ta' April, 2019 anka talbet u hadet u nghatat manteniment da parti tal-Intimat DE ammontanti ghac-cifra ta' mitejn Ewro (€200) illi ghal salarju u paga baxxa li ghandu DE : Id number 453085M huwa sagrificcju finanzjarju kbir u dan meta qed jaghmel minn kollox l-Intimat DE biex iqatta' kemm jista' jkun hin ma' ibnu w ghalhekk qed jinsisti li ibnu ghandu jkun ma' missieru minhabba li missieru dedikat biss ghal ibnu, waqt illi jinghata access ragjonevoli imma komdu fl-interess suprem tat-tifel ghal omm AB , li jerga' jigi ripetut ma kellha ebda jedd li taghmel Kawza f'isimha proprju u bhala legittima rapprezentanti tal-minuri Kiran, u dan meta t-tifel jappartjeni lit-tnejn, jaghti kasu b'imhabba minghajr ebda kundizzjonijiet l-Intimat missieru biss DE, u ghaldaqstant din hija Eccezzjoni ohra li filwaqt li diga' giet sollevata aktar 'il fuq f'din ir-Risposta li qed tigi kkonfermata bil-gurament, qieghda terga' tigi ri-enfasizzata f'dan l-istadju.

15. Illi fic-cirkostanzi wara li DE formalment ta lilu nnifsu notifikat bir-Rikors Mahluf ta' AB li originarjament jerga' jigi ripetut kien gie ntavolat fis-6 ta' Lulju, 2018, jigifieri aktar minn tmien xhur qabel ma l-istess DEghax intebah l-avukat il-gdid tieghu Dr Emmy D. Bezzina, gibed l-attenzjoni tal-Qorti li ma kienx ghad hemm notifikat tar-Rikors Mahluf, u l-Qorti ghaddiet kopja tar-Rikors Mahluf lil DE li issa qieghed iwiegeb ghaliha fit-terminu li taghtu l-Qorti ta' ghoxrin jum.

16. Illi fic-cirkostanzi DE qed jitlob lill-Qorti li l-kura u kustodja tal-minuri C ghandha tigi fdata f'idejh bhala missier il-minuri, li ma ghandu ebda rabtiet ma' terzi persuni u ma hemm ebda intenzjoni li jkun hemm xi rabtiet ma' terzi persuni specjalment fir-rigward ta' xi relazzjoni intima ma' xi mara, illi ma ghandux ikun hemm ebda manteniment pagabbli da parti ta' DA lil AB, billi DE dak illi jaqla' apparti minn htigijiet tieghu ghax dan irid jghix u jrid jiehu hsieb is-sahha tieghu

w anka r- residenza fejn joqghod, biss huwa ipreparat illi ghal ibnu jaghmel kull tip ta' sagrificcju, billi l-Intimat huwa konvint illi l-flus li huwa b'sagrificcju kbir qed jivversa lil omm ibnu, dan ma humiex sejrin jintefqu jew jigu utilizzati jew uzati fl-interess ta' ibnu minuri C.

17. Illi rigward il-granet u l-hinijiet tal-access tal-minuri ghall-Intimat, DE jixtieq jaghmilha cara li hija fil-fehma assodata tieghu u fic-cirkostanzi ta' fatti kif jelabora waqt is-smiegh ta' dawn il-provi, illi l-ewwel Kawza li giet intavolata mit-tnejn kienet effettivament tal-istess DE u allura skont il-procedura l-provi ser jibda jressaqhom l-istess DE billi jispjega b'mod dettaljat ghala kien hemm il-firda bejn AB u DE, ghala l-interessi supremi ta' ibnu jigu mharsa biss jekk ibnu ikun mieghu, u ghala fic-cirkostanzi ghandha tkun AB li jinghatawlha granet u hinijiet ghall-access tal-minuri w ovvjament sakemm jibqa' minuri, manteniment ma ghandu jithallas xejn lil AB ghan-nom tal- minuri billi dan l-Intimat qed jitlob kif ghandu dritt illi l-kura u kustodja tal-minuri C tigi strettament fdata f'idejn l-Intimat u dan ghar-ragunijiet li jigu elaborati fil-mori tal-Kawza, u kwindi t-tliet Talbiet ta' AB: Id number 340090M fil-parametri ta' dak li qed jigi sottomess, ghandhom kollha jigu michuda w issir referenza ghall-Kawza ta' DE vs AB u li a bazi tat-Talbiet tal-Intimat DE il-Qorti ghandha taqta' u tiddeciedi fl-assjem taghha li jkun ikopri dawn iz-zewg Kawzi, in-numru 171/2018 u n-numru 172/2018.

18. Illi l-Intimat jichad bil-qawwa li huwa ma huwiex persuna responsabbli li jigi fdat bil-kura u kustodja ta' ibnu w ghaldaqstant il-Qorti qieghda tara li hemm fehmiet konflingenti dwar min huwa l-ahjar miz-zewg genituri biex jiehu hsieb il-minuri u DE bi hsiebu li jitkellem bl-aktar mod car u esplicitu ghala AB zgur ma hijiex il-persuna li ghandha tigi fdata bil-kura u kustodja tal-ghaziz ibnu CE li fil-mument li qed jittiehed dan il-gurament diga' ghandu l-eta' ta' tliet snin u xahrejn.

19. Illi l-ispejjez kollha li b'sagrificcju kbir qed jaghmel l-Intimat DE ghandhom jigu sopportati mir-Rikorrenti AB Id number 340090M u dan ghax hekk titlob il-gustizzja.

20. Hekk Alla jghini.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet ix-xhieda prodotti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat l-atti tal-Medjazzjoni numru 9/18 u 20/18.

**IKKUNSIDRAT**

Illi din il-kawza tittratta l-kura u kustodja ta' wild minorenni. Illi l-partijiet kellhom relazzjoni bejniethom, minn liema kien twieled tifel, C, li llum ghandu erba' snin u tlitt xhur. Ir-relazzjoni bejn il-partijiet illum spiccat, u ghalhekk it-tnejn intavolaw proceduri kontra xulxin biex jiksbu l-kura u kustodja Illi din il-kawza tittratta talba ghall-kura u kustodja ta' wild minuri. Il-partijiet tat-tifel b'mod esklussiv. Peress illi l-Qorti ghandha quddiemha zewg kawzi f' ismijiet inversi dwar l-istess mertu, il-motivazzjonijiet ser jigu miktuba biss f'din is-sentenza, ghall-ekonomija tal-gudizzju. Dak li huwa miktub f' wahda s'intendi jghodd ghall-ohra.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti;

1. Tichad l-ewwel talba tal-attrici, b' dana illi l-kura u kustodja tal-minuri C ghandha tibqa' wahda kongunta bejn il-partijiet, bl-istess minuri jirresjedi ma' ommu l-attrici AB.

2. Tilqa' t-tieni talba, u tiffissa r-retta alimentari pagabbli mill-konvenut DE versu l-minuri fl-ammont ta' mitejn u hamsin Ewro (€250) fix-xahar, pagabbli bil-quddiem, b'effett mill-1 ta' Mejju 2020. Il-manteniment ghandu joghla b'ghoxrin Ewro (€20) fix-xahar kull sentejn, u jibqa' hekk joghla sa ma l-minuri jaghlaq l-eta' ta' tmintax-il sena. Fl-eventwalita' li t-tifel jibqa' jistudja 'full time', il-manteniment ma jizdiedx aktar izda jibqa' hekk jithallas sa ma l-wild jaghlaq l-eta' ta' tlieta w ghoxrin (23) sena, jew sa ma jibda jahdem 'full time'.

3. Tilqa' t-tielet talba, u taghti access tal-minuri lill-konvenut DE kuljum bejn it-3.30pm sas-7.00pm, kif ukoll fil-granet li l-istess DE ikun 'off' ghandu access mill-10.00am sal-ghada fis-7.00pm. Il-konvenut ghandu jigbor lill-minuri mir-residenza tal-attrici fil-bidu tal-access, u jirritornah fl-istess residenza fl-ahhar tal-access.

Inoltre, il-Qorti tordna s-segwenti:

Tordna li ssir evalwazzjoni psikjatrika tal-attrici u tal-konvenut, u ghal dan l-iskop tinnomina lit-Tabib Psikjatra Dr Joseph Cassar biex isir dan l-'assessment'. Tawtorizza ghalhekk lill-istess Dr Cassar jirtira kopja tar-rapporti ta' Valentina Caruana datati 18 ta' Lulju 2018 u 16 ta' Jannar

2019, u tar-rapport ta' Carmen Sammut datat 16 ta' Jannar 2020. Fin-nuqqas li jsir dan l-'assessment' minhabba rifjut ta' parti jew ohra, jew fin-nuqqas ta' ottemperanza ma' ordni jew istruzzjoni moghtija minn Dr Cassar, il-Qorti tirriserva li tirrevoka l-kura u kustodja ta' dak il-genitur li jonqos milli jaghmel dan. Kopja tar-rapport tal-assessment ghandu jigi inserit fl-atti ta' din il-kawza sa zmien sena mid-data li din is-sentenza ssir *res judicata*. Kull parti thallas lil Dr. Cassar separatament.

Tordna lill-attrici tattendi l-kors ta' *Homestart* kif rakkomandat lilha fir-rapport ta' Valentina Caruana hawn fuq imsemmi.

Tordna lill-istess Valentina Caruana, jew haddiema socjali ohra tal-Agenzija Appogg, tibqa' taghmel monitoragg tal-partijiet, ghall-gid u fl-interess suprem tal-minuri.

Kull parti thallas l-ispejjez taghha.

| | |
|---|---|
| **Antonio G Vella** | **Concetta Gauci** |
| **Imhallef** | **Deputat Registratur** |